MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 2555/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Carmen Schembri Wismayer abbazi tal-polza ta'assikurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l- istess Carmen Schembri Wismayer**

**Vs**

**Rueben Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlettax-il lira Maltin (Lm313)

rappresentanti danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta attrici Fogg Insurance Agencies Limited, salv ghal excess ta’ Lm25 imhallas mill-istess Carmen Schembri Wismayer bhala rizultat ta’l-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta’ Gunju 2002 gewwa Triq in-Naxxar, Lija, bejn il-vettura proprjeta ta’l-attrici Carmen Schembri Wismayer, bin-numru ta’ registrazzjoni HAH 863 u l-vettura misjuqa mill-konvenut Rueben Camilleri bin-numru ta’ registrazzjoni EAH 081, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragini, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra is-socjeta assikuratrici Citadel Insurance plc u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’l-avviz sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-25 ta’ Novembru 2002 fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda billi huma infondati fil -fatt u fid-dritt u dana billi l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident tat-3 ta’ Gunju 2002. Illi minghajr pregudizzju ghal premezz id-danni li qed jigu mitluba mill-atturi huma esagerati.

Sema' x-xhieda ta’ l-kontendenti Carmen Schembri Wismayer u tal-konvenut, kif ukoll ta’ Abthony Savona u PS 950 Alan Buhagiar u PC 1270 Anthony Zammit.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti, konsistenti fir-*road accident report*, *survey report*, ricevuti tal-hlas u is-*subrogation form* relattiva, esebieti bhala Dokumenti AS1, AS2, As3, AS4, AS5 u CSW1.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu ta’ din il-kawza sehh f’Naxxar Road, Hal Lija vicin ic-cimiterju u cioe’ bejn il-car wash li hemm fil-vicinanzi u il-hanut Hal Mann meta l-attrici kienet

wieqfa mat-*traffic lights* illi hemm f'dawn l-akwati. Quddiem il-vettura ta'l-attrici kien hemm vetturi ohra u hija kienet wieqfa fuq il-karreggjata in-naha tal-bankina. L-attrici tallega illi filwaqt li kienet wieqfa f'din il-posizzjoni hija semghet hoss mal-mera tal-genb tal-vettura taghha u indunat illi kien laqatha bowser kbir ta'l-ilma li kien ghaddej minn mal-genb taghha. Hija tallega illi ghalkemm daqqet il-horn, dan il-*bowser* baqa' ghaddej u kaxkrilha il-parti ta' wara tal-vettura taghha. Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinsaqu fl-istess direzzjoni u cioe' id-direzzjoni li tiehu mill-Mosta ghal B'Kara.

L-attrici tghid illi dan il-*bowser* ta'l-ilma baqa' sejjer ghalkemm hija ippruvat tattiralu l-attenzjoni. Hija ghalhekk baqghet issegwieh u lahqitu fil-By-Pass ta' B'Kara vicin l-isptar il-gdid li qieghed fi stat ta' kostruzzjoni. L-attrici issostni illi l-impatt sehh meta hija kienet wieqfa mat-*traffic lights*.

Illi jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut, illi huwa lanqas biss induna illi kien laqat il-vettura ta'l-attrici. L-uniku haga li jaf, huwa li kif wasal vicin l-Universita, ipparkja u kienet giet l-attrici tallega illi kien habat fiha. Huwa ighid illi ma kien hass l-ebda impatt mal-bowser misjuq minnu. Jikkonferma, izda illi fil-fatt huwa kien ghadda minn Naxxar Road minn fuq it-*traffic lights* u jikkonferma ukoll illi dak in-nhar kien hemm it-traffiku wieqaf minhabba xi xogholijiet li kienu qed isiru fit-triq dak in-nhar. Jikkontendi illi huwa baqa' isuq fil-karreggjata tieghu wara it-traffiku.

Ikkunsidra,

Illi ma hemmx dubbju illi it-trukk li kien qieghed jinsaq mill-konvenut huwa ta' proporzjonijiet kemmxejn kbar u dana meta imqabbel mal-vettura ta'l-attrici. Kif jammetti l-konvenut stess it-trukk ghandu roti kbar u gholjin. Irrizulta illi dak in-nhar ta'l-incident kien hemm certu traffiku fit-triq peress illi kienu qed jinzebghu xi sinjali jew linji bojod fit-triq. Il-konvenut jammetti illi huwa kien ghadda mill-post fejn sehh l-incident.

Illi l-hsara rapportata fil-vettura ta’l-attrici hija kompatibbli ma tkaxkira li testendi tul il-genb ta’ din il-vettura in-naha tas-sewwieq. Illi din il-hsara hija kompatibbli mal-verzjoni moghtija mill-attrici ta’ kif kien sehh dan l-incident stradali

Illi jirrizulta ukoll illi fil-mument ta’l-incident l-attrici kienet wieqfa tistenna sabiex it-*traffic lights* jaqilbu il-kulur sabiex hija tkun tista’ terga tibda issuq u ghalhekk it-Tribunal ma jista’ isib l-ebda nuqqas fis-sewqan taghha. Illi l-attrici wara l-impatt baqghet issewgi il-vettura misjuq mill-konvenut sa ma lahqitu hdejn l-Universita’ u ghalhekk ma hemmx dubbju illi kien il-konvenut illi habat mal-vettura ta’l-attrici.

Illi t-Tribunal ftit li xejn jista’ jistrieh fuq ix-xhieda moghtija mill-konvenut gialadarba huwa jallega illi lanqas biss induna li dan l-incident kien sehh. X’aktarx illi peress illi it-trukk misjuq mill-konvenut huwa ta’ proporzjonijiet kbar huwa ma indunax illi kien haxken mal-vettura ta’l-attrici. Illi x-xhieda moghtija mill-attrici min-naha l-ohra hija wahda kredibbli u verosimili u tisthoqq li tigi emmnuta.

Illi rigward l-eccezzjoni sollevata dwar il-*quantum* tad-danni jirrizulta mill-verbal tas-7 ta’ Mejju 2003, illi l-konvenut ma baqax jikkontesta id-danni u kwindi din l-eccezzjoni qed tigi sorvolata.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenut, jilqa’ it-talbiet attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u tlettax-il lira Maltin (Lm313), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra is-socjeta assikuratrici Citadel Insurance plc ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------